# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g


Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Is-Seba' Legislatura

Laqgħa Numru 4/2018

9 ta' April 2018

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fil-5:30 pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Carlo Stivala | Kunsillier |
| Joanna Abdilla: | Kunsilliera |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

4.1 Qari tal-Ittri ta' apoloġiji

Ma kinx hemm ittri ta' apoloġija.

4.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

4.2.1 Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċidenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

4.2.2 Is-Sindku qal illi ref 3.2.9 it-tabelli waħlu bil-ħinijiet tiegħu.

4.2.3 Is-Sindku qal illi ref 3.3.3 tad-drainage kellhom jiġu wara Jum Hal Safi sabiex jagħmlu l-main hole fejn hemm il-bokka. Il-Viċi Sindku staqsa jekk issa kienx sikur li wieħed jinżel fix-xelter. Is-Sindku qal illi sabiex inkunu aktar żguri li ma hemmx dranaġġ din il-persuna tkun tista' tinżel wara li ssir il-main hole. Ix-xogħol sabiex issir din il-main hole għandha tieħu madwar tlett ijiem.

4.2.4 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla rigward is-suġġeriment tiegħu li waħda mill-ismijiet tat-toroq tkun Triq it-Torri ta' Gawhar. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel illi it-triq minn fejn hemm ir-roundabout iż-żgħira l-isfel mill-Ġnien Sir Alexander Ball għandna nissuġerixxu li tkun Triq it-Torri ta' Gawhar waqt li t-triq minn Misraħ Ħlantun sal Borehole għandna nissuġerixxu li tissejjaħ Triq Sant Antnin.

4.2.5 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi t-tender ta' Triq San Tumas kien ġie evalwat u li issa kien qiegħed fi żmien tal-għaxart ijiem stand still u jekk ma jinqalax xi appell sa laqgħa oħra kellna nħabbru min rebaħ dan il-Kuntratt.

4.2.6 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk l-agreement li jissemma' f'ref punt 3.2.11 kienx accessibli għal Kunsill. Is-Sindku qara l-agreement lil Kunsilliera u l-Kunsill qabel ma l-istess agreement.

4.2.7 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet rigward ref punt 3.2.6 jekk kellniex informazzjoni fuq Triq il-Kuċċard. Is-Sindku kkonferma illi t-tender kien qiegħed jiġi aġġudikat.

4.2.8 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi l-Attivita' tal-Car Show kienet suċċess kbir.

4.2.9 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref punt 3.3.8 fil-fehma tiegħu il-bollards fin-nofs ma setgħux isiru għaliex it-Triq quddiem il-Convenience Shop hija wisq dejqa. Is-Sindku qal illi huwa kien talab lil Transport Malta jiġu jaraw jekk dan kienx possibli. Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus qal illi f'dan l-istadju għandna nitkellmu mal-Lesa u mar-Reġjun sabiex naraw x'jista' jsirbiex tissolva l-problema f'din il-parti tat-triq. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel illi għandna nitkellmu ma sid il-Convenience Shop u naraw il-possibilita' li jsiru kameras li għandhom jitpoġġew wara t-tabelli tal-One Way sabiex apparti li jinqabad min jipparkja fuq id-double yellow lines li hemm fejn il-Convenience Store dawn iservu ukoll sabiex jinqabad min jinżel mill-One Way.

4.2.10 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk konniex tkellimna mal-kuntrattur sabiex isiru x-xogholijiet fuq it-terf tal-grawnd (ref punt 3.3.10) Is-Sindku qal illi ma konniex għadna tajnih l-access sabiex jibda.

4.2.11 Il-Kunsillier is-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk kienx ħareġ it-tender għall-bankini. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat illi minħabba Jum Ħal Safi ma kinitx għadha lestietu.

4.2.12. Is-Sindku qal illi meta nħatar il-bord għal Premju Onoreficċenza ma konniex ħtarna sostitut għaċ-chairman u allura minflok is-Sur Tarcisio Barbara daħal is-Sur Julian Bonello. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi kien hemm suġġeriment ili jkun hemm time frame ta' ħmistax qabel il-ġurnata meta jingħata l-premju Onorifiċenza għaliex sabiex jiltaqa' l-bord darbtejn f'inqas minn ġimgħa qiegħda tkun diffiċli. Il-Kunsill qabel.

4.2.13 Is-Sindku qal illi kien għamel kuntatt mat-tifel ta' Pietru Pawl Busuttil ref 3.10 u kellu konferma illi l-familja ħadu pjaċir ħafna li ser tissemma' s-sala għal missierhom. Is-Sindku qal li konna ordnajna plakka li għandha teħel barra l-bieb fil-ġenb. Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi waqt l-aħħar laqgħa konna qbilna illi s-sala ser tissemma' għall-ex Sindku s-Sur Pietru Pawl Busuttil bla ebda preġudizju għal ftehim li kien sar għall-Mozzjoni Numru 1/2017. Il-Kunsill qabel.

4.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.3.1 Is-Sindku qal illi waqt il-Car Show kienet inġabret is-somma ta' €531.15.

4.3.2 Is-Sindku qal illi dak in-nhar tal-laqgħa kellna l-ewwel grupp ta' turisti u kien għadu kif ċempillu l-organizer li wera x-xewqa li jżid tea break bejn l-4:00 pm u 5:00pm. Saret diskussjoni pero' minħabba illi din kienet xi ħaġa mil-lum għal għada s-Sindku qal illi l-ħsieb tiegħu kien li jistaqsi jekk kienx hemm xi ħadd minn naħa tal-każini disponibbli għal dan il-ħin sabiex it-turisti jkunu jistgħu jieħdu dan il-break.

4.3.3 Is-Sindku qal illi l-Kapillan qallu li bejn il-5 u s-7 ta' Mejju 2018 kien ser ikun hawn Vista Pastorali fejn l-Arċisqof kien ser jiltaqa mal-għaqdiet. Is-Sindku qal illi l-kappillan kien għadu qiegħed jirranġa l-programm u għalhekk s'issa ma kellniex dettalji.

4.3.4 Is-Sindku qal li kien iltaqa' mal-President tal-Kunsill Skolastiku s-Sur Ray Vella flimkien mal-kap tal-Iskola li talba l-għajnuna tal-Kunsill sabiex titranġa l-bitħa tal-iskola u ssir bħal multi purpose pitch bil-linji b'żebgħa apposta. Is-Sindku qal illi kien talabhom sabiex jgħaddu l-kwotazzjonijiet lil Kunsill sabiex jiġu diskussi waqt il-laqgħa u jekk l-Kunsill jagħti l-għajnuna tiegħu jkollna l-fakulta li nużaw il-bitħa waqt xi attivitajiet tal-Kunsill. Il-Kunsil qabel illi għandna naraw x'ser tkun l-ispiża.

4.3.5 Is-Sindku qal illi persuna mis-Siġġiewi kienet tatu stima sabiex issir il-bokka tal-arja għax-xelters. Is-Sindku qal illi għal issa għandna nibdew minn din il-bokka għaliex ma nafux jekk għandniex bżonn entratura oħra. Huwa qal illi l-istima ntelgħet għal 2000 + Vat. Il-Kunsill approva din l-istima.

4.3.6 Is-Sindku qal illi s-Sur Stefan Cassar li qiegħed jieħu ħsieb il-Ġnien ta' Ball tal-opinjoni illi jinqalgħu tnax-il siġra taċ-ċitru u minflokhom jinxtraw sigar taċ-ċitru. Il-Kunsill iddiskuta dan u

qabel illi għandna naraw jekk is-siġar tal-larinġ tmutx meta jitħawwel minflok sigra oġra. Is-Sindku qal li l-ispiża kienet €590 li tinkludi l-excavating.

4.3.7 Is-Sindku qal illi rċieva lment illi fi Triq in-Nassaba wara l-Knisja hemm plot vojta b'kaxxa dotted safra. Xi persuna qiegħed jostakola illi jsir parking f'dan il-parkeġġ. Il-Kunsill qabel illi hekk kif suppost quddiem plot vojta l-kaxxa għandha tinbidel f'kaxxa bajda.

Il-Kunsillier is-Sur Carlo Stivala ġie skużat mil-laqgħa 19:52.

4.3.8 Is-Sindku qal illi kellu talba illi ssir mera fi Triq San Gwann sabiex jidher minn ġej minn Triq San Gorġ. Il-Kunsill qabel illi l-aktar għandha ssir mera żgħira ma pole mal-ħajt tat-tabib pero' għandu jsir studja fuq il-post għaliex it-triq dejqa u diġa hemm tlett stop signs.

4.3.9 Is-Sindku qal illi persuna lmintat illi fi Triq Dun Gużepp Caruana fi żmien kien hemm tabelli li tindika li ma jistax isir parkjar quddiem il-kanċell tal-iskola waqt il-ħinijiet tal-Iskola biss li m'għadiex hemm. Il-Kunsill qabel illi għandna nerġgħu nagħmlu din it-tabella.

4.3.10 Is-Sindku qal illi l-pompa tal-Ġnien ta' Ball kienet qiegħda tagħtina l-problema. Il-Kunsill qabel illi għandna nixtru pompa ġdida.

4.3.11 Is-Sindku qal illi konna tlabna għal kwotazzjonijiet u kienu qiegħdin juru x-xewqa illi jitfgħu din il-kwotazzjoni. Is-Sindku qal illi kien iltaqa' magħhom sabiex jidentifikalhom il-postijiet fejn nixtiequ li nagħmlu.

4.4 Tweġibiet għall-Mistoqija tal-Kunsilliera.

4.4.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet bejn id-19 u l-20 ta' Mejju kienet ser torganizza ġurnata Sqallija jew weekend għal fjurata li tiġi organizza fi Sqallija. Hija qalet ukoll illi kellha l-ħsieb illi torganizza xi attivita' għat tfal.

4.4.2 Il-Kunsilliera s-Sur Publio Abdilla qal illi fi Triq San Pawl hemm parti mill-asfalt tat-triq maqlugħ. Il-Kunsill qabel illi għandna nirranġawha.

4.4.3 Il-Kunsilliera s-Sur Publio Abdilla staqsa għala l-bandiera li hemm fejn ix-xarolla nhar il-Ġimgħa l-kbira ma kinitx meżża lasta.

4.4.4 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi saret talba sabiex isiru indikazzjonijiet illi ġejja roundabout int u tiela' minn fejn iċ-ċimiterju. Il-Kunsill qabel illi għandna nagħmlu din it-tabella.

4.4.5 Id-Deputat Segretarju qalet illi l-Kunsill kien tefa' l-applikazzjoni għal Wifi4u u issa għandna nidentifikaw iz-zoni illi l-kunsill jixtieq japlika għalihom. Il-Kunsill qabel illi għandna naplikaw għall-Bandli, Ġnien Dun Karm Vella, Ġnien ta' Ball u Misraħ Ħlantun.

4.4.6 Is-Sindku staqsa fuq e-mail 0097/18 mingħand is-sinjorina Liz Vassallo rigward sejhiet għall-offerti dwar manutenzjoni tad-dawl fit-toroq. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsill tagħna għad għandu kuntratt mar-Reġjun taż-Żejtun.

4.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa rigward e-mail 0088/18 rigward il-ħaddiema fuq skemi mal-Kunsilli Lokali. Is-Sindku qal illi kien attenda xi laqgħa rigward il-ħaddiem li għandna taħt l-iskemi u kellna nibagħtu lista ta' xogħolijiet li jagħmlu l-ħaddiema.

4.4.8 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet rigward e-Mail 0095/18 rigward ir-restawr tal-faċċata taċ-Ċentru Parrokjali. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi fuq talba tal-perit kienet qiegħda titlob lil entitajiet kollha sabiex ineħħu l-wires li hemm mal-faċċata sabiex isir ir-restawr tajjeb.

4.5 Jum Ħal Safi

4.5.1 Is-Sindku qal illi fl-aħħar laqgħa kienet għaddiet illi nagħtu rikonoxximent lis-Sur Frankly Borg għas-suċċess li kien kiseb u li issa minn dak inhar l'hawn is-Sinjorina Antoniella Chouhal u s-Sur Rachid Chouhal ukoll kienu kisbu suċċess billi rebħu medalja tal-bronz fl-european games. Il-Kunsill qabel illi għandhom jingħataw rikonoxxiemnt.

4.5.2 Is-Sindku qal illi bħala apprezzament jixtieq li jiġi rikonoxxut is-Sur Josef Debono minn naħa ta' Water Services u s-Sur Charles Muscat minn naħa ta' Transport Malta. Is-Sindku qal illi jħoss illi dawn in-nies taw għajnuna lil Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandhom jinagħtaw dan ir-rikonoxximent.

4.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

4.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduata li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fil-9.20 pm. Laqgħa li jmiss ser tkun l-Erbgħa 9 ta' Mejju 2018.

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchino
Deputat Segretarju Ezekuttiv